VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,598, 24 ta' Ġunju, 2016
Taqsima B

A.L. 232 tal-2016

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2016 dwar Skema ta' Investiment *Seed*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2)(b) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2016 dwar Skema ta' Investiment *Seed*.

(2) L-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jingħata ħelsien mit-taxxa lil persuni naturali li huma residenti jew joperaw ġewwa Malta li jinvestu f'negozji *start-up*, kif regolat aktar 'l isfel.

(3) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016 fir-rigward ta' investimenti magħmula mis-sena bażi 2016 u wara, u għandu jkollhom effett sal-31 ta' Diċembru 2018 jew f'data oħra li tiġi wara kif jista' jiġi stabbilit mill-Ministru responsabbli għall-finanzi b'ordni pubblikat fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

"attivitajiet esklużi" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) tittratta/tinnegozja fi proprjetà immobbili, ishma, titoli u, jew strumenti finanzjarji oħra;

(b) tittratta f'oġġetti barra mill-kors normali tan-negozju;

(ċ) tmexxija ta' bankar, assigurazzjoni jew kull attività oħra li taqa' taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, u l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 370. Kap. 371. Kap. 376.

(d) tipprovdi servizzi legali, servizzi ta' kontjar u professjonali oħra;

(e) attivitajiet relatati mal-iżvilupp ta' proprjetà immobbili;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) tirċievi *royalties* jew miżati ta' liċenza;

(g) topera jew tamministra lukandi, *hostels*, *guest houses* jew djar residenzjali għall-kura;

(h) attivitajiet relatati mal-ġenerazzjoni tal-elettriku u sorsi ta' enerġiji oħra;

(i) li jinżammu ishma, diretament jew indirettament, f'xi kumpannija li twettaq mqar waħda mill-attivitajiet msemmija f'xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (h);

"attivitajiet kwalifikanti" tfisser kull attività li tħalli qligħ li huwa taxxabbli taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(1)(a) tal-Att, li ma jkunx it-twettiq ta' xi waħda mill-attivitajiet eskluży;

"entità kompetenti" tfisser il-Malta Investment Management Company Limited;

"l-ewwel bejgħ kummerċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolament, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

"impriżi li jinsabu f'diffikultà" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolament, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

"intrapriżi żgħar u medji" u taqsira "SME" għandha jkollha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-Anness Nru I tar-Regolament, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien;

"investiment" tfisser is-sottoskrizzjoni ta' ħruġ ġdid ta' ishma azzjonarji mħallsa li ma jkunux jistgħu jinfdew f'kumpannija kwalifikanti minn investitur kwalifikanti u t-terminu "jinvesti" għandu jinftiehem skont hekk;

"investitur kwalifikanti" tfisser kull persuna naturali li hija residenti Malta jew li taqa' fl-ambitu tal-iskopijiet ta' *provisos* (i) u (ii) għall-artikolu 56(1)(ċ) tal-Att sa fejn huwa jassumi r-riskju sħiħ fir-rigward tal-investiment tiegħu, u li jkun inħariġlu ċertifikat ta' tħaris relattiv mill-entità kompetenti b'rabta ma' investiment f'kumpannija kwalifikanti skont dawn ir-regoli:

Iżda impriżi f'diffikultà, impriżi li huma suġġetti għal ordni ta' irkupru kif ukoll impriżi oħra li jkunu espressament eskluży milli jirċievu għajnuna bħal din skont ir-Regolament huma eskluży minn din it-tifsira;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ishma azzjonarji" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att iżda b'tali mod illi kull waħda minn tali ishma ma tkunx tista' tiġi mifdija fil-każijiet kollha;

"konnessi mal-kumpannija kwalifikanti" tfisser:

(a) sakemm l-investitur huwa individwu, konjuġi, dixxendenti u axxendenti fil-linja diretta u l-konjuġi relattivi tagħhom, ħutu, u dixxendenti tagħhom;

(b) soċju f'soċjeta` kummerċjali jew ċivili tal-investitur kwalifikanti;

(ċ) azzjonist tal-kumpannija kwalifikanti li fiha tinvesti, inkluż *business angels* u istituzzjonijiet finanzjarji, irrispettivament minm min hu sidhom;

(d) investitur, jew xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafu (a), li huwa impjegat tal-kumpannija kwalifikanti;

(e) investitur illi qabel l-investiment kwalifikanti, kellu diġa' ishma, direttament jew indirettament, fil-kumpannija kwalifikanti;

(f) investitur illi huwa, fuq xoljiment tal-kumpannija kwalifikanti, intitolat għal xi assi minn tagħha, fejn tali dritt kien jeżisti favur tali investitur qabel ma l-kumpannija ingħatat status ta' kumpannija kwalifikanti skont dawn ir-regoli;

(g) investitur li għadda lill-kumpannija kwalifikanti, fondi permezz ta' self liema termini jistabilixxi d-dritt ta' konverżjoni f'ishma azzjonarji jew dritt simili fil-kumpannija kwalifikanti;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi;

"kumpannija kwalifikanti" tfisser SME li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) hija inkorporata ġewwa Malta jew kontrollata u amministrata minn Malta jew għandha post tan-negozju ġewwa Malta;

(b) ilha mwaqqfa u midħla ta' dawn l-attivitajiet kwalifikanti għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet snin;

(ċ) mhijiex elenkata fi *stock exchange* rikonoxxut;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) għandha massimu ta' għaxar impjegati;

(e) għandha assi gross ta' mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€250,000) immedjatament qabel il-ħruġ ta' ishma azzjonarji lill-investitur kwalifikanti,

u li jkun inħarġilha ċertifikat relattiv ta' tħaris mill-entità kompetenti skont dawn ir-regoli:

Iżda li l-impriżi f'diffikultà, impriżi li huma suġġetti għal ordni ta' irkupru, impriżi oħra li jkunu espressament esklużi milli jirċievu għajnuna bħal din skont ir-Regolament, kif ukoll impriżi li, direttament jew indirettament, għandhom ishma f'xi kumpannija li twettaq attivitajiet esklużi, ma jaqgħux fl-ambitu ta' din it-tifsira;

"persuna naturali" tfisser persuna li mhijiex entità legali u li mhijiex impriża għall-iskopijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"Regolament" tfisser ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju, 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien.;

Applikabbilità u eliġibilità.

3. (1) Dawn ir-regoli japplikaw għall-investituri kwalifikanti li jissottoskrivu bi prezz *par* għal ishma azzjonarji imħallsa kollha f'kumpannija kwalifikanti f'isimhom:

Iżda dan l-investiment għandu jġib investiment ieħor fil-kumpannija kwalifikanti li jinvolvi l-qsim tar-riskji u l-gwadann fi proporzjon mal-investiment.

(2) Kull kumpannija li tixtieq takkwista status ta' "kumpannija kwalifikanti" għandha ddaħħal applikazzjoni mal-entità kompetenti għal determinazzjoni formali u għal ħruġ ta' ċertifikat ta' tħaris skont dawn ir-regoli liema applikazzjoni għandha tkun fuq tali forma u manjiera skont kif l-entità kompetenti tista' titlob u għandu jkun fiha l-informazzjoni u dokumenti hemm mitluba:

Iżda l-investimenti li jsiru f'kumpannija kwalifikanti u li jikkwalifikaw skont dawn ir-regoli ma' għandhomx jaqbżu, b'kollox, aktar minn seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000) kull kumpannija kwalifikanti.

(3) Kull persuna natutali li tixtieq takkwista status ta' "investitur kwalifikanti" fir-rigward ta' investiment f'kumpannija kwalifikanti għandha tissottometti applikazzjoni mal-entità kompetenti għal determinazzjoni formali u għal ħruġ ta' ċertifikat ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

tħaris skont dawn ir-regoli liema applikazzjoni għandha tkun fuq tali forma u manjiera skont kif l-entità kompetenti tista' titlob u għandu jkun fiha l-informazzjoni u dokumenti hemm mitluba:

Iżda sabiex jikkwalifika bħala eliġibbli għall-benefiċċji taħt dawn ir-regoli, u sakemm l-entità kompetenti tkun sodisfatta f'dan ir-rigward, investitur kwalifikanti għandu:

(a) ikompli jżomm dan l-investiment fil-kumpannija kwalifikanti għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin wara s-sottoskrizzjoni mill-investitur kwalifikanti għal ishma azzjonarji;

(b) ma jkunx konness mal-kumpannija kwalifikanti għal perjodu ta' mill-anqas sentejn qabel is-sottoskrizzjoni għall-ishma azzjonarji.

(4) Investitur kwalifikanti għandu jinvesti f'kumpannija kwalifikanti fi żmien sentejn minn meta l-kumpannija kwalifikanti tingħata l-ewwel ċertifikat ta' tħaris għall-istatus ta' "kumpannija kwalifikanti" mill-entità kompetenti. Kwalunkwe sottoskrizzjoni ta' ishma magħmula f'kumpannija kwalifikanti wara din id-data m'għandhiex tintitola lill-investitur xi benefiċċju skont dawn ir-regoli:

Iżda xejn f'dawn ir-regoli m'għandu jipprojbixxi investiment f'kumpannija kwalifikanti milli jsir gradwalment fuq perjodu ta' aktar minn sena waħda, sakemm l-impenn li jiġi investit, dejjem jekk intlaħqu l-kriterji u oġġettivi definiti, isir fi żmien sentejn imsemmi hawn fuq. F'dak il-każ l-investitur kwalifikanti għandu jibbenefika mit-taxxa skont dawn ir-regoli x'ħin l-investiment, jew parti minnu, isir.

Kreditu ta' taxxa.

4. (1) Kull investitur kwalifikanti li għalih tapplika r-regola 3 għandu jibbenefika minn kreditu ta' taxxa ekwivalenti għal somma li tammonta għal ħamsa u tletin fil-mija (35%) tal-valur kollu tal-investimenti magħmula mill-istess investitur f'waħda jew aktar mill-kumpanniji kwalifikanti, hekk li l-kreditu ta' taxxa totali applikabbli għal tali investitur m'għandhiex taqbeż il-mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) kull sena. Tali kreditu ta' taxxa għandu jiġi paċut kontra t-taxxa dovuta mill-investitur kwalifikanti fir-rigward ta' qligħ u profitti taxxabbli fis-sena ta' stima li tiġi minnufih wara s-sena bażi li matulha jkun sar l-investiment.

(2) Kwalunkwe parti tal-kreditu tat-taxxa li mhijiex assorbita fis-sena ta' stima kif imsemmi fis-subregola (1) jista' jinġieb 'il quddiem mill-investitur kwalifikanti sabiex jiġi paċut kollu kontra

VERŻJONI ELETTRONIKA

taxxa dovuta għal kwalunkwà sena ta' stima sussegwenti sakemm tiġi assorbita kollha.

Kap. 372.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kwalunkwe kreditu ta' taxxa disponibbli skont dawn ir-regoli m'għandux jagħti lok għal dritt ta' xi rifużjoni ta' taxxa.

Telf.

5. Kull telf li sar f'xi sena ta' stima mill-investitur kwalifikanti minn disponiment ta' investiment magħmul f'kumpannija kwalifikanti jew mill-likwidazzjoni tal-istess kumpannija kwalifikanti ma' jistax jitnaqqas kontra xi dħul jew qligħ ieħor li l-investitur kwalifikanti jdaħħal u li huwa taxxabbli taħt l-artikoli 4 u 5 tal-Att.

Qligħ fuq il-kapital.

6. (1) Meta l-investiment f'kumpannija kwalifikanti jitneħħa fi żmien tliet snin mid-data ta' sottoskrizzjoni fl-ishma azzjonarji mill-investitur kwalifikanti, u meta l-investitur kwalifikanti jikkwalifika għal benefiċċji skont dawn ir-regoli relatati ma' dak l-investiment, it-taxxa dovuta fir-rigward ta' qligħ imdaħħal minn dik it-tneħħija għandu jkun maħdum abbażi tal-ogħla tal-valur tas-suq ta' dak l-investiment u l-kunsiderazzjoni riċevuta mill-investitur kwalifikanti u għandu jiġi ntaxxat bir-rati applikabbli skont artikolu 56 tal-Att. Sabiex jiġi evitat kull dubju, l-ammont li fuqu t-taxxa hija maħduma skont din is-subregola m'għandux jiġi mnaqqas fi kwalunkwe mod mill-ispiża tal-akkwist tal-investiment, u lanqas b'xi tnaqqis jew kreditu li jkun.

(2) Meta, l-investiment f'kumpannija kwalifikanti jkun tneħħa f'xi żmien wara tliet snin mid-data tas-sottoskrizzjoni tal-ishma azzjonarji mill-investitur kwalifikanti, kull qligħ jew profitt derivat minn tali tneħħija ikun eżenti mit-taxxa.

Irkupru ta' kreditu ta' taxxa.

7. Meta l-entità kompetenti jew il-Kummissarju jirċievi informazzjoni li, kieku kienet fil-pussess tiegħu matul l-proċess tal-applikazzjoni mdaħħla mill-kumpannija kwalifikanti, huwa kien jirrifjuta l-istatus tal-kumpannija kwalifikanti, allura l-ammonti investiti mill-investituri kwalifikanti fl-imsemmija kumpannija kwalifikanti jew minn dak l-investitur kwalifikanti, skont il-każ, u li jkunu bbenefikaw minn kreditu ta' taxxa skont ir-regola 3 għandhom jiġu taxxabbli taħt l-artikoli 4 u 5 tal-Att, flimkien mal-imgħax ta' rata ta' wieħed fil-mija ta' kull xahar tal-kalendarju tal-ammont ibbenefikat bħala kreditu ta' taxxa mill-investitur kwalifikanti.

Kontra l-abbuż.

8. Meta xi persuna takkwista benefiċċji taħt dawn ir-regoli meta l-istess persuna ma kinitx hekk intitolata, jew hekk tibbenefika b'mod li l-Kummissarju jikkunsidra li hi kuntrarja għall-iskopijiet ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju jista' jirtira kwalunkwe status

VERŻJONI ELETTRONIKA

kwalifikanti mogħti skont dawn ir-regoli. Kif ukoll, il-Kummissarju jista' joħroġ stima skont l-artikolu 31 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa f'tali ammont u manjiera kif meħtieġa fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li jannulla jew ibiddel il-benefiċċji mitluba minn tali persuna flimkien mal-vantaġġ akkwistat konsegwentement.

Applikabilità.

9. (1) Kull applikazzjoni għal determinazzjoni formali, jew inkella għal xi benefiċċju skond dawn ir-regoli għandhom isiru f'dik il-forma u b'dak il-mod li l-entità kompetenti, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju, tista' teħtieġ u għandhom jinkludu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiha mitluba.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jieqfu milli japplikaw u jkollhom effett mal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli għal ħames miljun euro (€5,000,000) ta' investimenti f'kumpanniji kwalifikanti, jew għal kull ammont ieħor ta' investimenti f'kumpanniji li jikkwalifikaw kif jista' jiġi stabbilit mill-Ministru responsabbli għall-finanzi b'ordni pubblikat fil-Gazzetta.

(3) Dawn ir-regoli huma applikabbli għal investimenti kwalifikanti magħmula matul perjodu inizjali ta' mhux aktar minn sentejn kalendarji, b'dan illi l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jestendi l-applikazzjoni tagħhom għal dak il-perjodu jew perjodi li jista' jidhirlu xieraq b'ordni pubblikat fil-Gazzetta.

Rekords li jridu jinżammu.

10. Għandhom jinżammu rekords mill-entità kompetenti għal perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data li fiha l-aħħar benefiċċju kien mogħti skont dawn ir-regoli.